# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-15 ta' April 2021**

Appell numru 516/2017

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Saviour BORG**

Il-Qorti:

1. Dan huwa digriet in segwitu għal verbal magħmul fis-seduta ta' nhar l-1 ta' Settembru 2020 fejn din il-Qorti stiednet lill-partijiet fil-kawża sabiex jitrattaw il-punt jekk u safejn id-digriet datat 17 ta' Novembru 2017 huwhiex appellabbli taħt il-Kodiċi Kriminali jew liġi oħra.

2. Rat li l-imputat qua appellant tressaq il-Qorti fuq il-kawża preżenti mixli talli fil-ġurnata tat-30 ta' April 2014 kif ukoll fil-ġranet u fil-ġimgħat ta' qabel, naqas milli jieħu l-passi meħtieġa sabiex l-ilma tax-xita li jaqa' fuq il-bejt tal-fond 4, Elson, Triq Ħal Warda, Attard,

ma jkunx ikkomunikat mad-drenaġġ, u dan bi ksur tal-Artikolu 97(1)(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Rat li fis-seduta ta' nhar is-16 ta' Ottubru 2016, il-partijiet qablu li jiġi nominat il-Perit Alan Saliba sabiex jaċċedi fuq il-post mertu tal-kawża u jikkonstata l-istat ta' fatt tal-katusa u dan anke in konsiderazzjoni tal-kawża ċivili 1129/10 fl-ismijiet **Borg Saviour et vs. Sovereign Holdings et** fejn l-istess perit kellu inkarigu. Il-kawża ġiet differita għat-12 ta' Frar 2016 għar-rapport tal-Perit Saliba.

4. Rat li l-Perit Saliba xehed fis-seduta ta' nhar it-12 ta' Frar 2016 fejn ippreżenta r-relazzjoni tiegħu AS1, liema rapport, f'punt numru 2.6 tiegħu jgħid kif irriżultalu li l-kumnikazzjoni tad-drenaġġ u tal-ilma tax-xita kienet ilha teżisti għal aktar minn tletin sena minn mindu nbena l-fond in kwistjoni. Din il-kostatazzjoni tal-perit wasslet lid-Difiża sabiex fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Novembru, 2016 teċepixxi l-preskrizzjoni ta' din il-kawża. Il-kawża ġiet hekk iddifferita għat-2 ta' Frar 2017 għat-trattazzjoni fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fejn dakinhar saret trattazzjoni mill-partijiet fuq dan il-punt u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddifferiet il-kawża għat-28 ta' April, 2017 għal digriet rigward din l-eċċezzjoni.

5. Sadanittant, fis-seduta ta' nhar it-28 ta' April 2017 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma tgħatx id-digiet fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni iżda għamlet osservazzjoni fis-sens li l-artikolu msemmi fiċ-ċitazzjoni kien jidher li ġie hekk imħassar permezz tal-Avviż Legali 376 tas-sena 2012. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset ukoll kif minkejja dan, l-Uffiċjal Prosekutur sostna li din id-dispożizzjoni tal-Liġi xorta waħda baqgħet teżisti hekk kif ġiet integrata f'liġi oħra. Għal din ir-raġuni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

stiednet lill-Uffiċjal Prosekutur sabiex fi żmien xahar mid-data ta' din is-seduta, jippreżenta nota f'dan is-sens u sussegwentement iddifferiet is-seduta għat-28 ta' Settembru 2017 għal digriet fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssolevata fis-seduta preċedenti.

6. Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2017 il-partijiet talbu differiment għan-noti tas-sottomissjonijiet u l-kawża ġiet differita għas-17 ta' Novembru 2017 għad-digriet.

7. Rat li fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Novembru, 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tagħat digriet li jaqra hekk :-

> Il-Qorti,
> Wara li rat il-verbal ta' din il-Qorti datat 28.04.2017.
> Wara li rat in-nota ta' sottomissjoni tal-partijiet.
> Jirriżulta li huwa ċar illi l-artikolu 97(1)(f)(i) tal-Kap. 10 li kien ġie revokat permezz tal-avviż legali 376 tal-2012, dan kien ġie inkluż sentejn wara u ċioe b'avviż legali 48 tal-2012 u dan kif jingħad min-nota ta' sottomissjoni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika (Regolament 42 para. 3).

8. **<u>Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma pprovdiet xejn aktar dwar jew in konsegwenza għal dan id-digriet.</u>**

9. Rat li dakinhar li ngħata d-digriet, id-Difiża ivverbalizzat id-deċiżjoni tagħha li **<u>tappella minn dan id-digriet u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddifferiet il-kawża għad-19 ta' April, 2018 għall-kontinwazzjoni.</u>** BORG appella minn din id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' rikors ta' appell datat id-29 ta' Novembru, 2017.

10. Rat li l-partijiet trattaw il-punt issolevat minn din il-Qorti fis-seduta ta' nhar is-16 ta' Frar 2021.

**Ikkunsidrat : -**

11. Illi jirriżulta li kulma ġie deċiż fid-deċiżjoni appellata ma kienetx daqstant l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni iżda jekk kienx applikabbili l-Artikolu 97(1)(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fid-digriet tas-17 ta' Novembru 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet li tilqa' s-sottomissjonijiet tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika f'dan ir-rigward u b'dan il-mod irrespinġiet l-argument tad-Difiża dwar l-inapplikabbilita' tal-Artikolu 97(1)(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta wara r-revoka tal-istess li seħħet permezz tal-Avviż Legali 367 tal-2012.

12. Għalhekk sal-mument illi dik il-Qorti ddeċidiet fuq l-applikabbilita' tal-Artikolu 97(1)(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienitx għadha tagħat sentenza fuq il-mertu tal-każ jew sentenza fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

13. Il-kwistjoni kollha kwindi hija kemm id-Difiża setgħet, f'dan l-istadju tal-proċeduri, tintavola appell mill-imsemmi digriet tas-17 ta' Novembru 2017.

14. B'rabta ma' din l-osservazzjoni, din il-Qorti tqis li l-ewwel u qabel kollox jeħtieġilha tistħarreġ x'inhi n-natura tad-digriet li permezz tiegħu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet kif intqal iktar 'il fuq u ċjoe' jekk l-isemmi digriet kienx tali li jwaqqaf l-andament tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew kienx tali illi ma kienx ta' ostakolu illi din titkompla.

15. F’dan ir-rigward, l-Artikolu 415(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li appell minn digriet interlokutorju li ma jżommx il-kawża milli timxi ‘l quddiem, jista’ jsir biss wara s-sentenza definittiva u flimkien mal-appell minn dik is-sentenza. Għalhekk, l-ewwel punt li jeħtieġilha tistħarreġ din il-Qorti hija x’jikkwalifika bħala digriet interlokutorju. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Manwel Mizzi et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta’ Novembru 1954, il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> L-espressjoni ‘Digriet Interlokutorju’ għandha sens ampju, b’mod li tikkomprendi mhux biss provvedimenti interinali jew ordinatorji mogħtija fil-kors tal-kawża imma **anki kull xorta ta’ digriet**.[1]

16. L-istess irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Noel Grech** deċiża nhar is-6 ta’ April 2006 fejn il-Qorti ċċitat lill-Professur Mamo : -

> “The expression ‘interlocutory decree’ in the context must be construed not only in the restricted sense of those decrees whereby directions are given in the course of the proceedings preliminary to the decision on the merits (eg. directions in respect of the evidence) but in the wide and comprehensive sense of any kind of decrees even though they decide on some issue touching the merits rather than the general issue. (Criminal Appeal Anderson vs. Galea, 16/10/1900 – Law Reports Vol. XVIII,p. iv. p.29; German vs. Mizzi , 19/3/1928 – Law Reports Vol.XXVIII, p. iv. p.647). In Criminal Appeal “The Police vs. Lavetti”, 4/6/1938, the Court held that the words “interlocutory decree” “**referred not only to the decrees which are meant to give directions for regulating the proceedings but should be widely construed as meaning and including all kinds of decrees even those which dispose of some collateral issue** (R.C.C.A. para. 82 , p.155)”.[2]

17. Ukoll, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Salvu Galea** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta’ Marzu 1992, intqal is-segwenti : -

> L-espressjoni ‘digriet interlokutorju’ għandha sens ampju u tikkomprendi kull xorta ta’ pronunzjament li jiġi mogħti fil-kors tal-kawża u li ma jipprekludix il-kontinwazzjoni tal-ġudizzju.

[1] Enfasi ta’ din il-Qorti.
[2] Emfasi ta’ din il-Qorti.

18. Għalhekk m'hemmx dubju li d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-17 ta' Novembru 2017 għandu jitqies bħala digriet interlokutorju. Il-pern tal-kwistjoni kollha huwa jekk dan id-digriet interlokutorju kienx digriet li minn natura tiegħu kien tali li jwaqqaf il-kawża milli tkompli miexja 'l quddiem.

19. F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li kemm-il darba digriet ma jkunx tali li jimpedixxi kawża milli timxi 'l quddiem, l-appell għandu jsir biss wara li tkun ingħatat sentenza definittiva u l-appell isir flimkien mal-appell mis-sentenza finali. Hekk intqal f'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin fejn fosthom fil-kawża **Il-Pulizija vs. Salvu Galea[3]:**

> Digriet interlokutorju jżomm kawża milli titkompla jekk sa kemm id-digriet ma jiġix irrevokat, ma jibqa' xejn xi jsir fil-kawża u, konversament, jekk sabiex il-kawża tkun tista' titkompla r-revoka tad-digriet tkun indispensabbli.

20. L-istess ingħad fil-kawża **Il-Pulizija vs. Manwel Mizzi et[4]** fejn intqal is-segwenti : -

> Digriet interlokutorju jista' jiġi appellat ''qabel'' is-sentenza biss jekk ikun ipprekluda l-kontinwazzjoni tal-kawża. Jekk ma jkunx ipprekluda l-kontinwazzjoni tal-kawża, allura jista' jiġi appellat ''wara'' s-sentenza, flimkien magħha, u biss jekk is-sentenza stess tkun appellabbli.

21. Fil-kawża **Il-Pulizija vs. Charles Cortis**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Settembru 1990, il-Qorti stqarret kif ftit huma dawk id-digrieti li jwaqqfu kawża kriminali milli tkompli miexja 'l quddiem u għalhekk dawn **huma biss ta' natura eċċezzjonali[5]** :

> Il-kawżi fejn kawża kriminali tieqaf huma eċċezzjonali u mhux di regola u ġeneralment jirriżultaw espressament mil-liġi stess, ngħidu aħna per eżempju fil-każ ta' kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali jew taħt il-

[3] Supra ċitata
[4] Supra ċitata
[5] Emfasi ta' din il-Qorti.

> provvediment tal-Att 14 tal-1987. Altrimenti r-regola hi li l-kawżi jinbdew u jitkomplew bla waqfien sa fejn dan hu possibbli.

22. F'dal-każ jirriżulta li għalkemm fis-17 ta' Novembru 2017 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet emanat dan id-digriet li minnu sar dan l-appell, fil-kontemp ma tagħatx raġuni għad-differiment tal-kawża għad-19 ta' April, 2018, għajr li semmiet li d-Difiża talbet li tappella minn dan id-digriet. Jirriżulta li donnu kien biss dan l-appell li żamm il-kawża milli timxi 'l quddiem.

23. Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'dak il-punt, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kellhiex tilqa' t-talba tal-appellant u tiddiferixxi l-kawża għad-19 ta' April 2018 iżda kellha tibqa' tisma' l-kawża dik il-ġurnata stess wara li tagħat l-imsemmi digriet u dan skont id-dettami tal-Artikolu 415(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

24. Bl-istess mod il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Peter Paul Debono**, deċiża nhar it-28 ta' Mejju 1994, qalet : -

> Frankament din il-Qorti tinsab sorpriża kif l-ewwel Qorti donnha laqgħet it-talba ta' l-appellant għas-sospensjoni tal-kawża (u ddifferiet il-kawża għall-20 ta' Lulju, 1994) flok ma baqgħet tisma' l-kawża dik il-ġurnata stess, kif suppost kellha tagħmel skond il-proċedura. Hu obligu tal-Qrati tal-Maġistrati li jassiguraw li l-proċedura fil-kawżi quddiemhom ma tiġix stultifikata b'rikorsi bħal dawn.

25. Sa dakinhar li ġie intavolat dan l-appell mill-appellant sabiex jattakka l-imsemmi digriet, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienetx għadha pronunzjat ruħha definittivament fuq il-mertu tal-każ permezz tas-sentenza finali iżda kienet iddeċidiet biss fuq l-applikabbilita' ta' dispożizzjoni ta' Liġi għall-proċeduri li kellha quddiemha. F'dan il-każ, għalhekk, il-provvediment tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 17 ta' Novembru 2017 jista' jitqies bħala

digriet interlokutorju li mhux talli ma waqqafx il-proċediment imma, in forza tiegħu, il-kawża suppost li kellha titkompla u tiġi deċiża fuq il-mertu. Għalhekk, l-appell intavolat mill-appellant kien intempestiv.

26. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddikjara dan l-appell bħala irritu u null u tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tiegħu in kwantu d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet, f'dan l-istadju, inappellabbli u tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti proċesswali lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) biex il-kawża titkompla u tiġi deċiża definittivament fil-mertu.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**